# IL-JUM TAL-ĠUDIZZJU
## Atti 17:30-31

"*U ż-żminijiet ta' din l-injoranza Alla għalaq għajnejh għalihom: iżda issa jordna lill-bnedmin kollha kullimkien biex jindmu: Għaliex Hu waqqat jum, li fih għandu jagħmel ħaqq mid-dinja fis-sewwa b'dak il-bniedem li hu għażel; u li bih ta l-fidi lill-bnedmin kollha, billi qajmu mill-imwiet*"

## INTRODUZZJONI:

**A.** Ma hemm ebda verità mgħallma aktar ċara fil-Kelma ta' Alla, ebda fatt stabbilit aktar sod, u ebda twissija aktar ċara mill-verità ta' dan it-test dwar il-jum kbir tal-ġudizzju.

**B.** Dan il-kliem kien intqal mill-appostlu Pawlu lil waħda mill-aktar udjenzi magħrufa li qatt semgħu pridka fil-jum ta' Pawlu; kienet udjenza magħmula għalkollox minn filosfi magħrufa ta' dak iż-żmien, miġbura fl-akbar ċentru ta' kultura ta' dak iż-żmien u f'wieħed mill-aktar ċentri ċelebri tal-ħsieb filosofiku ta' kull żmien—l-Arjopagu f'Ateni.

**C.** Waqt li kien qiegħed ikellem lil din l-udjenza ta' intelliġenza eċċezzjonali, Pawlu ddikjaralhom li għandu jkun hemm jum finali ta' ġudizzju li għandu jiġi għal kull membru tal-familja umana.

**D.** Dan it-test jissuġġerilna l-ħwejjeġ li ġejjin dwar il-jum tal-ġudizzju:

1. Iċ-Ċertezza tal-ġudizzju.
2. Il-Persuni li għandhom ikunu ġġudikati.
3. Il-Bażi tal-ġudizzju.
4. L-Imħallef li jippresiedi.
5. Il-Punti tal-Ġudizzju.
6. Xi ħwejjeġ li se jiġru f'dak il-Jum.

## I. IĊ-ĊERTEZZA TAL-ĠUDIZZJU

A. Dan huwa appuntament ma' Alla:
"*Għaliex Hu waqqat jum, li fih għandu jagħmel ħaqq mid-dinja fis-sewwa b'dak il-bniedem li hu għażel; u li bih ta l-fidi lill-bnedmin kollha, billi qajmu mill-imwiet*" (Atti 17:31).

B. Hemm żewġ ġrajjiet fil-futur li huma assolutament ċerti—il-mewt (għalkemm xi wħud ikunu għadhom ħajjin meta Kristu jerġa' jiġi, 1 Korintin 15:51) u l-ġudizzju:

"*U bħalma hu maqtugħ għall-bnedmin li jmutu darba biss, iżda wara dan isir il-ħaqq*" (Lhud 9:27).

C. Ħafna mill-kittieba ispirati tal-Bibbja taw xhieda dwar il-ġudizzju.

1. Ix-xhieda ta' Salamun:
   "*Il-konklużjoni wara li kollox instama', hi: Ibża' ninn Alla, u ħares il-kmandamenti tiegħu: għax dan hu d-dmir ta' kull bniedem. Għax Alla jagħmel ħaqq minn kulma jsir, minn kull ħaġa moħbija, sew tajba, u sew ħażina*" (Ekkleżjażti 12:13-14).

2. Ix-xhieda ta' Ġesù:
   "*Imbagħad beda jċanfar l-ibliet, fejn ħafna mill-egħmejjel kbar tiegħu kienu saru, għax ma nidmux; Jaħasra għalik, Korażajn! Jaħasra għalik, Betsajda! Għax kieku f'Tir u f'sidon saru l-egħmejjel kbar li saru fikom, żmien twil ilhom li nidmu, lebsin ix-xkora, u mixħutin fuq l-irmied. U int, Kafarnahum, li int imgħollija sas-sema, titniżżel salqiegħ nett; għax kieku l-egħmejjel kbar li saru fik, saru f'Sodoma, kieku baqgħet sal-lum. Iżda jien ngħidilkom: Ikun eħfef għall-art ta' Sodoma f'jum il-ħaqq, milli għalik*" (Mattew 11:20-24).

   "*Iżda jien ngħidilkom: kull kelma fil-batal li l-bnedmin igħidu, ikollhom jagħtu kont tagħha f'jum il-ħaqq*" Mattew 12:36-37),

   "*Meta Bin il-bniedem jiġi fil-glorja tiegħu, u l-anġli mqaddsa kollha miegħu, imbagħad joqgħod fuq it-tron tal-glorja tiegħu: U jinġabru quddiemu l-ġnus kollha: u jifridhom minn xulxin, bħalma r-ragħaj jifred in-ngħaġ mill-gidjien: U jqiegħed in-ngħaġ fil-lemin tiegħu, u l-gidjien fix-xellug….U dawn imorru fil-kastig ta' dejjem; iżda n-nies sewwa fil-ħajja ta' dejjem*" (Mattew 25:31-46).

3. Ix-xhieda ta' Pawlu:
   "*U ż-żminijiet ta' din l-injoranza Alla għalaq għajnejh għalihom: iżda issa jordna lill-bnedmin kollha kullimkien biex jindmu: Għaliex Hu waqqat jum, li fih għandu jagħmel ħaqq mid-dinja fis-sewwa b'dak il-bniedem li hu għażel; u li bih ta l-fidi lill-bnedmin kollha, billi qajmu mill-imwiet*" (Atti 17:30-31)

“*Jinħtieġ li lkoll kemm aħna nidhru quddiem it-tribunal ta' Kristu, ħalli kulħadd jieħu skond it-tajjeb jew il-ħażin li jkun għamel meta kien għadu ħaj fil-ġisem*” (2 Korintin 5:10).

4. Ix-xhieda ta' Pietru

“*Jekk intom issejħu Missier lil dak li, bla ma jħares lejn l-uċuħ, jagħmel ħaqq minn kulħadd skond il-għemil ta' kull wieħed, għixu fil-biża' ż-żmien tal-ħajja li qegħdin tgħaddu f'art strangiera*” (1 Pietru 1:17)

“*Għax wasal iż-żmien tal-ġudizzju, li jibda mnid-dar ta' Alla. U, jekk l-ewwel jibda minna, kif sa jeħilsuha dawk li ma jridux joqgħodu għal l-Evanġelju ta' Alla? U jekk "il-ġust bil-kemm isalva, x'ser isir mill-ħażin u mill-midneb?*” (1 Pietru 4:17-18)

“*Jasal, tabilħaqq, jum il-Mulej bħal ħalliel; jintemmu mbagħad is-smewwiet bi ħsejjes kbar, jinħallu bin-nar l-elementi tad-dinja, u l-art b'kull ma fiha tkun maħruqa min-nar*” (2 Pietru 3:10).

5. Ix-xhieda ta' Ġwanni

“*U l-imħabba ssir sħa fina, meta aħna nqawwu qalbna għal jum il-ħaqq, għax saħansitra f'din id-dinja aħna sirna bħalu*” (1 Ġwanni 4:17)

“*U rajt il-mejtin, kbar u żgħar, quddiem it-tron. U nfetħu l-kotba. Infetaħ ukoll ktieb ieħor, dak tal-ħajja. Imbagħad il-mejtin sar ħaqq minnhom fuq l-egħmejjel tagħhom, skond ma kienu mniżżla fil-kotba. U l-baħar radd lura l-mejtin li kien hemm ġo fih, u hekk ukoll il-mewt u l-qiegħ ta' l-art [Hades] raddew lura l-mejtin li kien hemm ġo fihom, u kull wieħed minnhom sar ħaqq minnu fuq l-egħmejjel tiegħu. Imbagħad il-Mewt u Post il-mejtin ġew mixħuta fil-belliegħa tan-nar—din il-għadira tan-nar hija t-tieni mewt. Hekk ukoll min ma nstabx imniżżel fil-ktieb tal-ħajja, kien mixħut bil-belliegħa tan-nar*” (Rivelazzjoni 20: 12-15).

## II. IL-PERSUNI LI GĦANDHOM IKUNU ĠĠUDIKATI

A. “*Hu jagħmel ħaqq mid-DINJA*” (Atti 17:31), jiġifieri, minn dawk li jabitaw fuq l-art.

B. Ħalli nikkonsidraw:

1. L-universalità tiegħu:

*"Meta Bin il-bniedem jiġi fil-glorja tiegħu, u l-anġli mqaddsa kollha miegħu, imbagħad joqgħod fuq it-tron tal-glorja tiegħu: U jinġabru quddiemu l-ġnus kollha: u jifrid-hom minn xulxin, bħalma r-ragħaj jifred in-ngħaġ mill-gidjien*" (Mattew 25:31-32).

2. L-individwalità tiegħu:
 *"Li jrodd lil kull bniedem skond egħmilu*" (Rumani 2:6).

 *"Għalhekk mela kull wieħed minna jagħti kont 'l Alla tiegħu nnifsu*" (Rumani 14:12).

 *"Issa min iħawwel u min isaqqi huma wieħed: u kull bniedem jieħu l-ħlas tiegħu skond ix-xogħol tiegħu*" (1 Korintin 3:8).

 *"Jinħtieġ li lkoll kemm aħna nidhru quddiem it-tribunal ta' Kristu, ħalli kulħadd jieħu skond it-tajjeb jew il-ħażin li jkun għamel meta kien għadu ħaj fil-ġisem*" (2 Korintin 5:10).

## III. IL-BAŻI TAL-ĠUDIZZJU

A. L-opri tagħna—*"il-ħwejjeġ magħmula fil-ġisem tiegħu*" (2 Korintin 5:10).

B. *Il-kliem tagħna*—
 *"Iżda jien ngħidilkom: kull kelma fil-batal li l-bnedmin igħidu, ikollhom jagħtu kont tagħha f'jum il-ħaqq*" (Mattew 12:36-37).

C. *Ukoll il-ħwejjeġ moħbija tagħna jkunu ġġudikati:*
 *"Fil-jum meta Alla jagħmel ħaqq mill-egħmil moħbi tal-bned-min skond l-evanġelju tiegħi permezz ta' Ġesù Kristu*" (Rumani 2:16).

## IV. **MIN IKUN L-IMĦALLEF** (Atti 17:31)

A. *"Permezz ta' Bniedem li ħatru Hu.*"

 *"Għax il-Missier ma jagħmewl ħaqq minn ħadd, iżda ta kull ħaqq lil Ibnu*" (Ġwanni 5:22).

 *"Jinħtieġ li lkoll kemm aħna nidhru quddiem it-tribunal ta' Kristu,...*" (2 Korintin 5:10).

"*Nitolbok mela quddiem Alla, u Sidna Ġesù Kristu, li jagħmel ħaqq mill-ħajjin u mill-mejtin fid-deħra tiegħu, u fis-saltna tiegħu*" (2 Timotju 4:1).

B. "*U ta' dan kollu ta prova quddiem kulħadd billi lilu qajmu mill-imwiet*"—(Atti 17:31)

   1. Dan għandu jkun bażi biżżejjed għalina biex nemmnu li se jkun hemm ġudizzju li għandu jiġi.

## V. IL-PUNTI TAL-ĠUDIZZJU

A. Dawn ikunu finali u irrevokabbli (li ma jitħassrux)

   1. Ma jkun hemm ebda possibbiltà li xi ħadd jidher quddiem qorti aktar għoli jew xi qorti ta' l-appell għaliex dan huwa l-għola qorti magħruf għall-bniedem.
   2. Ma jkunx hemm tmiem għas-sentenza, din tkun għal l-eternità kollha.

## VI. XI ĦWEJJEĠ LI SE JIĠRU F'DAK IL-JUM

A. Il-Mulej jinżel mis-sema:

"*Li wkoll qalu: Ja rġiel mill-Galilija, għax qegħdintħarsu fiss lejn is-sema? Dan l-istess Ġesù, li rtafa' fis-sema jiġi bħal ma rajtuh sejjer fis-sema*" (Atti 1:11)

"*Għax il-Mulej innifsu jinżel b'għajta mis-sema, mal-leħen ta' l-arkanġlu, u mat-tromba ta' Alla: u l-mejtin fi Kristu jqumu l-ewwel*" (1 Tessalonikin 4:16).

B. Il-mejtin għandhom iqumu, u dawk ħajjin jinbidlu:

"*F'waqt wieħed, f'ħakka ta' għajn, mad-daqq ta' l-aħħar tromba: għax iddoqq it-tromba, u l-mejtin iqumu bla taħsir u aħna nitbiddlu*" (1 Korintin 15:52).

"*La tistagħġbux b'dan: għax tasal is-siegħa, li dawk kollha li qegħdin fl-oqbra jisimgħu leħnu, U joħorġu; dawk li għamlu t-tajjeb, għall-qawmien tal-ħajja; u dawk li għamlu l-ħażen, għall-qawmien tal-kundanna*" (Ġwanni 5:28-29).

C. Il- kotba jinfetħu:

"*U rajt il-mejtin, kbar u żgħar, quddiem it-tron. U nfetħu l-kotba. Infetaħ ukoll ktieb ieħor, dak tal-ħajja. Imbagħad il-mejtin sar ħaqq minnhom fuq l-egħmejjel tagħhom, skond ma kienu mniżżla fil-kotba. U l-baħar radd lura l-mejtin li kien hemm ġo fih, u hekk ukoll il-mewt u l-qiegħ ta' l-art [Hades] raddew lura l-mejtin li kien hemm ġo fihom, u kull wieħed*

*minnhom sar ħaqq minnu fuq l-egħmejjel tiegħu. Imbagħad il-Mewt u Post il-mejtin ġew mixħuta fil-belliegħa tan-nar—din il-għadira tan-nar hija t-tieni mewt. Hekk ukoll min ma nstabx imniżżel fil-ktieb tal-ħajja, kien mixħut bil-belliegħa tan-nar*" (Rivelazzjoni 20:12-15).

D. Ikun hemm biki u tnehid universali:

"*Ara, ġej mas-sħab; u tarah kull għajn, u dawk ukoll li nifduh: u jixhru minħabba fih it-tribujiet kollha ta' l-art. Iva. Amen*" (Rivelazzjoni 1:7)

"*U qalu lill-muntanji u lill-blat: Aqgħu fuqna; u aħbuna minn quddiem wiċċ dak li qiegħed fuq it-tron, u mill-għadab tal-Ħaruf. Għax wasal il-jum il-kbir tal-għadab tiegħu; u min jiflaħ iżomm?*" (Rivelazzjoni 6:16-17).

E. Quddiem l-Imħallef il-Kbir "*jinġabru l-ġnus kollha*" (Mattew 25:32).

1. Int u jien inkunu hemm:
   "*Jinħtieġ li lkoll kemm aħna nidhru quddiem it-tribunal ta' Kristu,…*" (2 Korintin 5:10).
2. Sodom u Gomorra jkunu hemm:
   "*Tassew ngħidilkom: Ikun eħfef għall-art ta' Sodoma u Gomorra f'jum il-ħaqq, milli għal dik il-belt*" (Mattew 10: 15).
3. In-nies ta' Ninwè jkunu hemm:
   "*L-irġiel ta' Ninwe għad iqumu f'jum il-ħaqq ma' dan in-nisel…*" (Mattew 12:41).
4. Is-Sultana ta' Xeba tkun hemm:
   "*Is-sultana tan-nofsinhar tqum f'jum il-ħaqq ma' dan in-nisel…*" (Mattew 12:42).
5. Dawk ta' qabel u ta' wara d-dilluvju, ir-razzez kollha, il-ġnus kollha jkunu hemm. X'folla mħallta tkun hemm!

F. Imbagħad l-Imħallef il-Kbir "*jifridhom minn xulxin*" (Mattew 25:32).

1. Sinjal ikun magħmul li jifred il-fosdqa (il-qoxra ta' barra) mill-qamħ, il-mogħoż minn ngħaġ, il-ħżiena mill-ġusti.
2. Is-sinjal jifred lir-raġel minn martu, ġenituri minn ulied-hom, u ħbieb minn ħbieb.

G. Imbagħad l-Imħallef il-Kbir jilqa' lill-ġusti fis-Smewwiet "*Imbagħad igħid is-Sultan lil dawk li jkunu fil-lemin tiegħu: Ejjew, ja mberking ta' Missieri, irtu s-saltna mhejjija għalikom mit-tisjis tad-dinja*" (Mattew 25:34).

H. Imma Hu jikkundanna lill-ħżiena għall-kastig ta' dejjem: "*Imbagħad igħid ukoll lil dawk li jkunu fuq ix-xellug: Morru minn fejni, ja misħutin, fin-nar ta' dejjem, **imħejji** għax-xitan u l-anġli tiegħu*" (Mattew 25:41).

**KONKLUŻJONI:**

A. Kun lest għall-miġja tal-ġudizzju billi tobdi l-Evanġelju ta' Dak li se jkun l-Imħallef il-Kbir f'dak il-jum tal-biża' għal dawk li ma jkunux obdewh (2 Tessalonikin 1:6-9

B. Int għandek tgħix fidil lejn kull kmand tal-Mulej, u mbagħad meta Hu jiġi biex jiġġudikak, "*ikollok miftuħ beraħ quddiemek il-bieb tad-dħul fis-saltna ta' dejjem ta' Sidna u s-Salvatur tagħna Ġesù Kristu*" (2 Pietru 1:11).